REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1988

tal-11 ta' Novembru 2020

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel"

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-Artikolu 223(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistabbilixxi regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji u t-trattament speċjali tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Dan jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'dan ir-rigward. Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji fil-qafas legali l-ġdid, għandhom jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' dawn l-atti. Jenħtieġ li dawn l-atti jissostitwixxu ċertu għadd ta' atti li jistabbilixxu regoli komuni jew regoli settorjali speċifiċi, abbażi ta' atti adottati skont l-Artikolu 43(2) jew l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), li tħassru bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1987 ([3]).

(2) L-Unjoni impenjat ruħha fi ftehimiet internazzjonali u f'atti adottati skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 207 tat-TFUE li tiftaħ kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli u f'xi każijiet li tamministra dawn il-kwoti skont il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel". Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li fetħu dawn il-kwoti u jipprevedu regoli speċifiċi tħassru bir-Regolament Delegat (UE) 2020/1987 Huwa xieraq li jinżammu dawn ir-regoli, filwaqt li jiġu sostitwiti dispożizzjonijiet skaduti u tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji.

(3) Fl-interess tas-simplifikazzjoni amministrattiva u tat-trasparenza, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli kollha għall-amministrazzjoni ta' dawn il-kwoti tariffarji f'Regolament wieħed.

(4) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ([4]) u (KE) Nru 442/2009 ([5]), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 ([6]) fetħu u mmaniġġjaw ċerti kwoti tariffarji ġestiti bl-applikazzjoni tal-metodu ta' eżami simultanju tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u ta' kwoti tariffarji oħra ġestiti

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1987 tal-14 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu u r-rilaxx ta' garanziji fl-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji bbażati fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tal-majjal (ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6).

skont il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel". Dawn ir-regolamenti tħassru bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 ([7]) li stabbilixxa regoli ġodda għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji. Sabiex jiġi żgurat ukoll li l-kwoti tariffarji ġestiti skont il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" f'konformità mar-Regolamenti mħassra jibqgħu operabbli, huwa meħtieġ li jiġu previsti regoli ta' ġestjoni għal dawn il-kwoti tariffarji.

(5) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 2305/2003 ([8]), (KE) Nru 1964/2006 ([9]), (KE) Nru 539/2007 ([10]), (KE) Nru 616/2007 ([11]), (KE) Nru 1384/2007 ([12]), (KE) Nru 1385/2007 ([13]), (KE) Nru 412/2008 ([14]), (KE) Nru 748/2008 ([15]), u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011, (UE) Nru 480/2012 ([16]) u (UE) Nru 1223/2012 ([17]) li jipprevedu l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni billi japplikaw il-metodu ta' eżami simultanju tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 184(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, tħassru bir-Regolament Delegat (UE) 2020/760. Jenħtieġ li dawn il-kwoti tariffarji jibqgħu miftuħa u li l-metodu ta' ġestjoni tagħhom jiġi aġġustat. L-użu tal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" wera li kien pożittiv f'diversi setturi agrikoli għal kwoti tariffarji li mhumiex meqjusa bħala sensittivi u kkaratterizzati minn domanda limitata. Fl-interess tas-simplifikazzjoni amministrattiva, jenħtieġ li dawn il-kwoti għall-importazzjoni minn issa 'l quddiem jiġu amministrati f'konformità ma' dan il-prinċipju.

(6) Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji koperti mir-Regolamenti mħassra jiġu ġestiti f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([18]) li jirregolaw il-ġestjoni ta' kwoti tariffarji mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali (il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

(7) Sabiex jiġu żgurati importazzjonijiet konsistenti maż-żmien għal ċerti kwoti tariffarji, huwa xieraq li l-perjodu tal-kwota tariffarja annwali tagħhom jiġi suddiviż f'subperjodi.

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi (ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7).

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladesh, b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 20).

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 tal-4 ta' Ġunju 2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra (ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3).

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47).

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 7).

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 tat-30 ta' Lulju 2008 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 0206 29 91 (Riformulazzjoni) (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (broken rice) ta' kodiċi NM 1006 40 00 għal produzzjoni ta' tħejjijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 1901 10 00 (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 1).

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1223/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota ta' tariffa fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini ħajjin ta' piż li jeċċedi l-160 kg u li joriġinaw mill-Iżvizzera kif previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 39).

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

(8) Jenħtieġ li dispożizzjonijiet speċifiċi jiżguraw li jkun hemm konformità ma' ċerti rekwiżiti dwar l-użu jew il-kwalità tal-prodotti importati. Għalhekk, jenħtieġ li importazzjonijiet b'dazju tal-importazzjoni mnaqqas jew żero fil-kwota jsiru kondizzjonali għas-sottomissjoni ta' prova mill-importatur dwar l-użu jew il-kwalità tal-prodott jew dwar id-depożitu ta' garanzija ugwali għad-differenza bejn id-dazju fil-kwota u d-dazju konvenzjonali (MFN). Fejn ikun applikabbli, jenħtieġ li jingħata żmien raġonevoli għall-ipproċessar tal-prodott.

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi biex jipprevedu grad ta' flessibbiltà fir-rigward tar-rekwiżiti dokumentarji f'każ ta' *force majeure*, bħal pandemija.

(10) Ir-Renju Unit ħalla l-Unjoni fil-31 ta' Jannar 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ konkluż bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, li stabbilixxa perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2020, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Abbażi ta' dan il-Ftehim, mill-1 ta' Lulju 2020, ir-Renju Unit ma għandu l-ebda possibbiltà li jitlob estensjoni ta' dan il-perjodu ta' tranżizzjoni lil hinn mill-2020. Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) jipprevedi li mill-jum ta' wara dak li fih ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 ([20]) jieqaf japplika għal u fir-Renju Unit, il-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tal-konċessjonijiet u tal-impenji tal-Unjoni annessa mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 jridu jitqassmu bejn l-Unjoni u r-Renju Unit abbażi tas-sehem tal-UE-27 mill-użu tal-kwota stabbilit fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/216. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi l-kwantitajiet il-ġodda tal-UE-27 li jirriżultaw mit-tqassim, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/216 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 ([21]).

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U REGOLI KOMUNI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness I għal prodotti agrikoli, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-metodu ta' ġestjoni;

(b) il-perjodi u s-subperjodi tal-kwoti tariffarji fejn ikun applikabbli;

(c) ir-rekwiżiti dwar l-ipproċessar, l-użu aħħari u l-kwalità li ċerti prodotti jridu jissodisfaw sabiex ikunu eliġibbli għall-importazzjoni fi ħdan kwota tariffarja;

(d) il-proċeduri u l-ammont tal-garanzija li għandha tiġi ddepożitata għall-prodotti msemmija fil-punt (c);

(e) id-dokumenti ta' sostenn fejn ikun applikabbli.

Dan jistabbilixxi wkoll regoli speċifiċi għall-amministrazzjoni ta' xħud minn dawn il-kwoti tariffarji.

([19]) Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1).

([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95 (ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1).

([21]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 tal-11 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli f'dak li jirrigwarda t-tqassim tal-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u f'dak li jirrigwarda l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u d-drittijiet tal-importazzjoni allokati fil-qafas ta' dawk il-kwoti tariffarji (ĠU L 70, 12.3.2019, p. 4).

Artikolu 2

Ġestjoni tal-kwoti tariffarji

1. Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu amministrati mill-Unjoni f'konformità mal-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera kif stabbilit fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

2. L-Artikolu 53(2)(b) u (c) u l-Artikolu 53(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 ma għandhomx japplikaw għall-kwoti tariffarji u l-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0138, 09.0139, 09.0140, 09.0141, 09.0142, 09.0143, 09.0144, 09.0161, 09.0162, 09.0145, 09.0163, 09.0164, 09.0146, 09.0147, 09.0148, 09.0149, 09.0150, 09.0151, 09.0152, 09.0153, 09.0159, 09.0160, 09.0154, 09.0155, 09.0156, 09.0157 u 09.0158.

Artikolu 3

Subperjodi tal-kwoti tariffarji

1. Meta perjodu ta' kwota tariffarja jinqasam f'subperjodi, kif stabbilit fl-Anness I, il-kwantità tal-kwota tariffarja disponibbli għal subperjodu għandha tinkludi kwalunkwe kwantità mhux użata matul is-subperjodu tal-kwota tariffarja preċedenti. Madankollu, il-kwantitajiet mhux użati fi tmiem perjodu ta' kwota tariffarja ma għandhomx jiġu ttrasferiti għall-perjodu tal-kwota tariffarja ta' wara.

2. Meta perjodu ta' kwota tariffarja jinqasam f'subperjodi, il-prelevamenti għal kull subperjodu, bl-eċċezzjoni tal-aħħar wieħed, għandhom jitwaqqfu rispettivament fil-ħames jum ta' ħidma tal-Kummissjoni tat-tieni xahar wara t-tmiem tas-subperjodu rilevanti.

Artikolu 4

Dokumenti ta' sostenn

1. Meta tkun meħtieġa prova tal-oriġini mill-Anness I, l-operaturi għandhom iressqu dokument speċifiku lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien mal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati. Id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa huma stabbiliti għal kull kwota tariffarja fl-Anness I.

2. Meta l-prova tal-oriġini tikkonsisti f'ċertifikat tal-oriġini għall-prodotti soġġetti għal arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali, din għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

3. Meta l-kwota tariffarja tkun stabbilita bħala miżura tariffarja preferenzjali msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]), il-prova tal-oriġini għandha tinħareġ jew issir f'konformità mar-regoli dwar l-oriġini preferenzjali msemmija fl-Artikolu 64 ta' dan ir-Regolament.

4. Meta jkun meħtieġ ċertifikat tal-awtenticità, dan għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II u fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

5. Jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet doganali jistgħu jirrikjedu lid-dikjarant jew l-importatur jipprovdu kwalunkwe evidenza addizzjonali meħtieġa għall-prova tal-oriġini tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew dispożizzjonijiet rilevanti għall-arranġament kummerċjali kkonċernat.

Artikolu 5

Dokumenti elettroniċi

Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirrikonoxxi li, minħabba *force majeure*, id-dokument uffiċjali meħtieġ ma jkunx disponibbli:

(a) l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru tista' toħroġ kopja skenjata tad-dokument oriġinali (stampat jew elettroniku), dment li din il-kopja tintbagħat permezz ta' messaġġ elettroniku minn kaxxa postali li tappartjeni għall-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru;

([22]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(b) l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li lilha għandu jiġi ppreżentat id-dokument uffiċjali meħtieġ tista' taċċetta kopja skenjata tad-dokument oriġinali (stampat jew elettroniku) mill-operatur, akkumpanjata minn impenn bil-miktub mill-operatur li jippreżenta d-dokument oriġinali malajr kemm jista' jkun.

Ir-rekwiżiti aktar flessibbli stabbiliti fl-ewwel paragrafu ma għandhomx jeżentaw lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri mid-dmir tagħhom ta' diliġenza dovuta. Dawn għandhom ikunu żgurati b'mod raġonevoli dwar l-awtentiċità u l-validità tad-dokumenti.

Artikolu 6

Kontrolli f'pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-pajjiż terz biex jawtorizza lir-rappreżentanti tal-Kummissjoni biex iwettqu, fejn ikun meħtieġ, kontrolli f'dan il-pajjiż terz biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti jew il-kundizzjonijiet li huma prekundizzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikati jew ta' dokumenti uffiċjali oħra li għandhom jitressqu quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera tal-prodott fl-Unjoni. Dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat.

KAPITOLU II

REGOLI SETTORJALI SPEĊIFIĊI

SEZZJONI 1

ĊEREALI

Artikolu 7

Definizzjonijiet għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0124, 09.0131, 09.0127, 09.0128, 09.0129 u 09.013

1. Għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0124 u 09.0131, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' "Patata ħelwa għajr dik intiża għal konsum uman", il-patata ħelwa għandha titqies li tkun għall-konsum mill-bniedem skont it-tifsira tal-kodiċi NM 0714 20 10 jekk din tkun friska, sħiħa u mqiegħda f'pakketti diretti ta' 28 kg jew anqas fiż-żmien tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

2. Għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0127, 09.0128 u 09.0129, il-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 0714 10 00 għandhom ifissru prodotti oħra għajr gerbub miksuba minn dqiq u pasti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0714 10 00.

3. Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0130, il-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 0714 10 00, ex 0714 30 00, ex 0714 40 00, ex 0714 50 00 u ex 0714 90 20 għandhom ifissru prodotti tat-tip użati għall-konsum mill-bniedem, f'pakketti diretti b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 28 kg, jew friski u sħaħ jew mingħajr ġilda u ffriżati, kemm jekk imfettin u kemm jekk le.

Artikolu 8

Definizzjonijiet għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0076

Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0076, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ħbub imħassra" għandhom ifissru ħbub ta' xgħir, ċereali oħra jew ħafur selvaġġ li jidhru mħassra u li juru deterjorament ikkawżat minn mard, ġlata, sħana, insetti jew fungus, maltemp u kull forma oħra ta' ħsara fiżika;

(b) "xgħir negozjabbli b'saħħtu u sabiħ" għandu jfisser ħbub ta' xgħir jew biċċiet ta' ħbub li mhumiex imħassra, kif iddefinit fil-punt (a), għajr ħbub imħassra minn ġlata jew fungus.

Artikolu 9

Rekwiżiti tal-kwalità għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0076

1. Ix-xgħir għandu jkun eliġibbli għall-importazzjoni fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0076 jekk dan jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) piż speċifiku: minimu ta' 60,5 kg/hl;

(b) ħbub imħassra: massimu ta' 1 %;

(c) kontenut ta' umdità: massimu ta' 13,5 %;

(d) ħbub negozjabbli b'saħħtu u sabiħ: minimu ta' 96 %.

2. Konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tiġi ċċertifikata permezz ta' wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

(a) ċertifikat tal-analiżi mwettqa wara talba tal-impurtatur mill-uffiċċju doganali tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera; jew

(b) ċertifikat tal-konformità għax-xgħir importat maħruġ minn awtorità governattiva tal-pajjiż ta' oriġini u rikonoxxut mill-Kummissjoni.

3. F'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, ix-xgħir għandu jkun soġġett għal supervizjoni doganali, biex jiġi żgurat li:

(a) dan jiġi mmaltjat fi żmien sitt xhur mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera; u

(b) l-malt li jirriżulta jintuża fil-manifattura ta' birra immaturata fi btieti li fihom il-fagu fi żmien mhux aktar minn 150 jum wara d-data li fiha x-xgħir jiġi pproċessat f'malt.

L-ipproċessar tax-xgħir importat f'malt għandu jitqies li jkun sar meta x-xgħir tal-malt ikun għadda mit-tgħaddis.

4. L-ammonti tal-garanzija li għandha tiġi ddepożitata mill-operaturi biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 3 huma stabbiliti fl-Anness I.

5. Il-garanzija prevista fil-paragrafu 4 għandha tiġi rilaxxata immedjatament meta titressaq prova quddiem l-awtoritajiet doganali kkonċernati li:

(a) il-kwalità tax-xgħir, stabbilita abbażi taċ-ċertifikat tal-konformità jew taċ-ċertifikat tal-analiżi, tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1;

(b) kien hemm konformità mar-rekwiżit tal-ipproċessar stabbilit fil-paragrafu 3 fil-perjodu ta' żmien speċifikat.

6. Iċ-ċertifikati maħruġa mill-Federal Grain Inspection Service (FGIS) tal-Istati Uniti għal xgħir tal-malt li jrid jintuża fil-produzzjoni ta' birra mmaturata fi btieti li fihom il-fagu, kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness II, għandhom ikunu uffiċjalment rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont il-proċedura kooperattiva amministrattiva msemmija fl-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Jekk il-parametri analitiċi mniżżla fiċ-ċertifikat tal-konformità maħruġ mill-FGIS jindikaw konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tax-xgħir tal-malt stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kampjuni għandhom jittieħdu abbażi ta' analiżi tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u għandhom ikunu ta' mill-anqas 3 % tal-prodott rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera matul il-perjodu tal-kwota tariffarja inkwistjoni. L-Istati Membri għandhom jirċievu kopja tat-timbri awtorizzati mill-Gvern tal-Istati Uniti permezz tal-aktar mezzi xierqa.

Artikolu 10

Kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0689 u 09.0779

1. Il-prodotti importati fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0689 għandhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera mal-preżentazzjoni ta' prova tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 15 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([23]), konkluża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE ([24]) kif imsemmi fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ([25]), konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/126/KE ([26]) dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

([23]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
([24]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3).
([25]) ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2.
([26]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/126/KE tas-6 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra (ĠU L 53, 22.2.1997, p. 1).

2. Il-prodotti importati fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0779 għandhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera mal-preżentazzjoni ta' prova ta' oriġini tal-moviment EUR.1 maħruġ mill-pajjiż esportatur f'konformità mal-Artikolu 15 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ([27]), konkluż bir-Regolament (KEE) Nru 1691/73 tal-Kunsill ([28]).

Artikolu 11

Kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0074 u 09.0075

1. L-ammont tal-garanzija li trid tiġi depożitata mill-operaturi biex jiżguraw il-kwalità tal-prodotti importati fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0074 u 09.0075 huwa stabbilit fl-Anness I. Barra minn hekk, l-awtoritajiet doganali għandhom jirrikjedu garanzija speċifika li tikkorrispondi għad-differenza, fil-ġurnata tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, bejn l-ogħla dazju u d-dazju fil-kwota applikabbli għall-kwalitajiet differenti tal-qamħ, għajr meta d-dikjarazzjoni tkun akkumpanjata b'ċertifikat tal-konformità maħruġ mill-Federal Grain Inspection Service tal-Istati Uniti tal-Amerka jew mill-Canadian Grain Commission f'konformità mal-punt (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([29]).

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' kull importazzjoni fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0074 bil-ħsieb li jwettqu t-testijiet meħtieġa biex jistabbilixxu li l-kontenut ta' ħbub żgħieġi huwa ta' 73 % jew aktar. Jekk il-kwalità ma tkunx adegwata, għandu jiġi rrifjutat l-aċċess għall-kwota tariffarja.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' kull importazzjoni fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0075 bil-ħsieb li jwettqu t-testijiet meħtieġa biex jistabbilixxu li l-kwalità tal-prodott importat tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I. Jekk il-kwalità ma tkunx adegwata, għandu jiġi rrifjutat l-aċċess għall-kwota tariffarja.

4. Jekk it-testijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 juru li l-kwalità tal-prodott importat hija taħt l-istandard, għandu japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010. L-ammont ta' EUR 5 għal kull 1 000 kg imsemmi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandu jinżamm lura, flimkien man-nuqqas ta' aċċess għall-kwota tariffarja.

SEZZJONI 2

ROSS

Artikolu 12

Kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0139

1. Ir-ross kollu importat fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0139 għandu jitqiegħed taħt il-proċedura tal-użu aħħari f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Ir-ross kollu importat fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0139 għandu jiġi pproċessat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

2. Mat-talba għall-awtorizzazzjoni għall-użu aħħari, l-importatur għandu jindika l-post tal-ipproċessar, li huwa jew l-isem ta' intrapriża tal-ipproċessar u Stat Membru jew mhux aktar minn ħames impjanti tal-ipproċessar differenti.

3. L-ammont tal-garanzija li għandha tiġi ddepożitata mill-operaturi biex jiżguraw li r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ġie ssodisfat huwa stabbilit fl-Anness I.

4. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata meta tkun tressqet prova li l-prodott ġie pproċessat fi żmien sitt xhur mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Meta r-rekwiżit tal-ipproċessar ma jiġix issodisfat sa din l-iskadenza, il-garanzija rilaxxata għandha titnaqqas bi 2 % għal kull jum li bih jinqabeż il-limitu ta' żmien.

5. L-awtorità kompetenti għandha tirċievi prova tal-ipproċessar fi żmien sitt (6) xhur wara l-limitu ta' żmien għall-ipproċessar. Inkella, il-garanzija għandha tkompli titnaqqas bi 2 % għal kull jum li bih jinqabeż il-limitu ta' żmien.

([27]) ĠU L 171, 27.6.1973, p. 2.

([28]) Ir-Regolament (KEE) Nru 1691/73 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1973 li jtemm Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u jadotta dispożizzjonijiet għal implementazzjoni tiegħu (ĠU L 171, 27.6.1973, p. 1).

([29]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

Artikolu 13

Kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0141

1. L-importazzjoni fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0141 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-oriġini.

2. Il-mudell għal ċertifikat tal-oriġini msemmi fil-paragrafu 1 huwa stabbilit fil-Parti B tal-Anness II.

3. Iċ-ċertifikat tal-oriġini għandu jkun validu għal 90 jum mid-data tal-ħruġ iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tal-istess sena tal-ħruġ.

4. L-isem tal-awtorità kompetenti tal-Bangladesh għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-oriġini għandu jiġi ppubblikat fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. L-awtorità kompetenti tal-Bangladesh għandha ddaħħal waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness III taħt "Rimarki" fiċ-ċertifikat tal-oriġini.

6. Meta t-taxxa miġbura mill-pajjiż esportatur tkun anqas mid-dazju mnaqqas stabbilit fl-Anness I, it-tnaqqis ma għandux jaqbeż l-ammont miġbur.

7. Il-kwantitajiet ta' ross fl-istadji tat-tħin minbarra r-ross imfesdaq għandhom jiġu kkonvertiti skont ir-rati ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1312/2008 ([30]).

SEZZJONI 3

FROTT U ĦXEJJEX; PRODOTTI TA' FROTT U ĦXEJJEX IPPROĊESSATI

Artikolu 14

Definizzjonijiet għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0025, 09.0027 u 09.0033

1. Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0025, "larinġ ħelu ta' kwalità għolja" għandu jfisser larinġ li għandu varjetà ta' karatteristiċi simili, misjur, sod u ta' għamla tajba, li tal-anqas għandu lewnu tajjeb, magħmul mhux imhassar u mhux iebes, u mingħajr xquq miftuħin fil-qoxra, mingħajr qoxra iebsa jew xotta, mingħajr eżantemi, qsim tal-iżvilupp, daqqiet (għajr għal dawk li jirriżultaw mit-tqandil u l-ippakkjar normali), ħsara minħabba arja xotta jew mill-umdità, mhux imlanżat jew li jkun se jitlanżat, mingħajr tinjiet, ġrieħi, tbajja taż-żejt, skaldi, marki tax-xemx, ħmieġ jew materjal ieħor barrani, mard, insetti jew ħsara kkawżata minn makkinarju, ċaqliq jew b'xi mod ieħor; massimu ta' 15 % tal-frott f'kull kunsinna jista' ma jissodisfax din l-ispeċifikazzjoni, u f'dan il-perċentwal hemm inkluż mhux aktar minn 5 % ta' difetti li jammontaw għal ħsara serja, u dan l-aħħar perċentwal jinkludi mhux aktar minn 0,5 % ta' tħassir.

2. Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0027, l-ibridi taċ-ċitru magħrufa bħala "minneolas" għandhom ifissru ibridi taċ-ċitru tal-varjetà Minneola (*Citrus paradisi* Macf. CV Duncan u *Citrus reticulate blanca* CV Dancy).

3. Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0033, "meraq tal-larinġ ikkonċentrat iffriżat, b'valur Brix ta' mhux aktar minn 50" għandu jfisser meraq tal-larinġ b'densità ta' mhux aktar minn 1229 gramma għal kull ċentimetru kubu f'20 °C.

Artikolu 15

Ċertifikat tal-awtentiċità għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0025, 09.0027 u 09.0033

1. Għall-prodotti li għandhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0025, 09.0027 u 09.0033, l-operatur għandu jressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti ċertifikat tal-awtentiċità kif stabbilit fil-Partijiet C, D u E tal-Anness II, maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini kif elenkat fl-Anness IV u li jikkonferma l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti kif stabbilit fl-Artikolu 14.

([30]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1312/2008 tad-19 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-rati ta' konverżjoni, l-ispejjeż tal-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati għall-istadji varji tal-ipproċessar tar-ross (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 56).

2. Madanakollu, fil-każ tal-meraq tal-larinġ ikkonċentrat, il-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' awtenticità jista' jiġi sostitwit bi preżentazzjoni lill-Kummissjoni qabel l-importazzjoni ta' attestazzjoni ġenerali mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini li tiddikjara li l-meraq tal-larinġ ikkonċentrat prodott hemmhekk ma fihx meraq tal-larinġ tad-demm. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinforma lill-Istati Membri permezz ta' mezzi elettroniċi sabiex dawn ikunu jistgħu javżaw lis-servizzi doganali tagħhom.

SEZZJONI 4

INBID

Artikolu 16

Kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1526, 09.1527, 09.1558, 09.1559, 09.1570 u 09.1572

1. L-eżenzjoni mid-dazju doganali għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1526, 09.1527, 09.1558, 09.1559, 09.1570 u 09.1572 tapplika soġġetta għar-rekwiżit li l-inbejjed importati ma jibbenefikawx minn sussidji fuq l-esportazzjoni.

2. Dokument VI-1 jew estratt VI-2 imfassal f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 ([31]) għandu jitressaq quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni.

3. F'konformità mal-Protokoll 2 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra ([32]) konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2013/490/UE ([33]), jekk is-Serbja tħallas sussidji fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-prodotti rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju doganali fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1526 u 09.1527 għandha tiġi sospiża.

4. Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmija fil-paragrafu 3 biex jiġu adattati l-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1526 u 09.1527 billi jiġu ttrasferiti kwantitajiet mill-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.1527 għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.1526.

5. F'konformità mal-Protokoll Addizzjonali li jaġġusta l-aspetti kummerċjali tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, minn naħa l-oħra, biex iqis ir-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet dwar konċessjonijiet preferenzjali reċiproċi għal ċerti nbejjed, ir-rikonoxximent reċiproku, protezzjoni u kontroll tal-ismijiet tal-inbejjed u r-rikonixximent reċiproku, protezzjoni u kontroll ta' ismijiet għal spiriti u xorb aromatizzat ([34]) ("protokoll addizzjonali dwar l-inbid"), konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/916/KE ([35]), jekk il-Maċedonja ta' Fuq tħallas is-sussidji fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-prodotti rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju doganali fi ħdan il-kwoti tariffarji previsti fil-protokoll addizzjonali għandha tiġi sospiża.

([31]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1).

([32]) ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16.

([33]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 14).

([34]) ĠU L 342, 27.12.2001, p. 9.

([35]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/916/KE tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali li jaġġusta l-aspetti kummerċjali tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja, minn naħa l-oħra, biex iqis ir-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet dwar konċessjonijiet preferenzjali reċiproċi għal ċerti nbejjed, ir-rikonoxximent reċiproku, protezzjoni u kontroll tal-ismijiet tal-inbejjed u r-rikonixximent reċiproku, protezzjoni u kontroll ta' ismijiet għal spiriti u xorb aromatizzat (ĠU L 342, 27.12.2001, p. 6).

6. Minkejja l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (5)(a) tal-Anness I mal-protokoll addizzjonali dwar l-inbid, l-importazzjonijiet tal-inbid fi ħdan il-kwoti tariffarji tal-Unjoni taħt in-numri tal-ordni 09.1558 u 09.1559 għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra ([36]), approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2004/239/KE, Euratom ([37]).

7. Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmija fil-paragrafu 6 biex jiġu adattati l-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1558 u 09.1559 billi jiġu ttrasferiti kwantitajiet 'il fuq minn 6 000 hl mill-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.1559 għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.1558.

8. F'konformità mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra ([38]), konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/342 ([39]), jekk il-Kosovo ([40]) iħallas sussidji fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-prodotti rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju doganali fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1570 u 09.1572 għandha tiġi sospiża.

9. Għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.1570 u 09.1572 id-dokument VI-1 għandu jsemmi l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 kif ġej: "Il-prodotti elenkati f'dan iċ-ċertifikat ma jibbenefikawx minn sussidji fuq l-esportazzjoni".

SEZZJONI 5

ĊANGA U VITELLA

Artikolu 17

Ġestjoni tal-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144 u 09.0145 u tal-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161, 09.0162, 09.0163 u 09.0164

1. Il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144 u 09.0145 għandhom jiġu ġestiti bħala kwoti tariffarji prinċipali.

2. Il-kwota tariffarja prinċipali taħt in-numru tal-ordni 09.0144 għandha tiġi ġestita b'żewġ kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161 u 09.0162.

3. Il-kwota tariffarja prinċipali taħt in-numru tal-ordni 09.0145 għandha tiġi ġestita b'żewġ kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0163 u 09.0164.

4. Il-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161 u 09.0163 għandhom jintużaw biex japplikaw għall-kodiċi NM 0202 20 30; il-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0162 u 09.0164 għandhom jintużaw biex japplikaw għall-kodiċi NM 0202 30 10, 0202 30 50, 0202 30 90 u 0206 29 91.

5. Il-benefiċċju mill-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144 u 09.0145 jista' jingħata biss permezz tal-applikazzjoni għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161, 09.0162, 09.0163 u 09.0164.

Artikolu 18

Definizzjonijiet għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144 u 09.0145 u għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161, 09.0162, 09.0163 u 09.0164

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "prodott-A" fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144, 09.0161 u 09.0162 għandu jfisser prodott ipproċessat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1602 10 00, 1602 50 31 jew 1602 50 95, li ma fihx laħam għajr dak tal-annimali tal-ispeċi bovina. Il-prodott għandu jkollu proporzjon ta'

([36]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.
([37]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2004/239/KE, Euratom tat-23 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra (ĠU L 84, 20.3.2004, p. 1).
([38]) ĠU L 71, 16.3.2016, p. 3.
([39]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/342 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (ĠU L 71, 16.3.2016, p. 1).
([40]) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

kollaġen/proteina ta' mhux aktar minn 0,45 u jkun fih skont il-piż tal-anqas 20 % ta' laħam dgħif, għajr il-ġewwieni u x-xaħam bil-laħam u l-ġelatina li jammontaw għal tal-anqas 85 % tal-piż nett totali. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu:

(a) il-kontenut ta' kollaġen għandu jitqies li huwa l-kontenut ta' idroksiprolina immultiplikat bil-fattur 8, filwaqt li l-kontenut ta' idroksiprolina għandu jiġi ddeterminat skont il-metodu ISO 3496-1994;

(b) il-kontenut ta' laħam bovin dgħif għajr ix-xaħam għandu jiġi ddeterminat bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2429/86 ([41]);

(c) il-ġewwieni għandu jinkludi dan li ġej: l-irjus u l-qatgħat minnhom (inklużi l-widnejn), is-saqajn, id-dnub, il-qlub, il-bżieżel, il-fwied, il-kliewi, l-animelli (il-glandoli tat-timu), il-frixa, l-imħuħ, il-pulmuni, il-grieżem, it-taħrikiet tal-faldiet ħoxnin, il-milsiet, l-ilsna, il-mindil, is-sinsliet, il-ġilda li tittiekel, l-organi riproduttivi (jiġifieri l-utri, l-ovarji u t-testikoli), il-glandoli tat-tirojde, u l-glandoli pitwitarji;

(d) il-prodott għandu jkun soġġett għal trattament bis-sħana li huwa biżżejjed biex jiżgura l-koagulazzjoni tal-proteini tal-laħam fil-prodott kollu kemm hu li jista' ma juri l-ebda traċċa ta' likwidu fir-roża fuq wiċċ il-qatgħat meta l-prodott jitqatta' tul linja li tgħaddi mill-eħxen parti tiegħu.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "prodott-B" fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0145, 09.0163 u 09.0164 għandu jfisser prodott ipproċessat li fih iċ-ċanga, għajr il-prodotti speċifikati fil-punt (a) tal-Parti XV tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Prodott ipproċessat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0210 20 90 li tnixxef jew ġie affumikat hekk li l-kulur u l-konsistenza tal-laħam frisk sparixxew kompletament u bi proporzjon ta' ilma/proteina ta' mhux aktar minn 3:2 għandu jkun prodott-B ukoll.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144 u 09.0145 u għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161, 09.0162, 09.0163 u 09.0164

1. Il-kwantitajiet għandhom jiġu espressi f'ekwivalenza bl-għadam. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, 100 kilogramma ta' ċanga bl-għadam għandha tkun ekwivalenti għal 77 kilogramma ta' ċanga mingħajr għadam.

2. Fi żmien tliet xhur mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, il-kwantità importata kollha għandha tiġi pproċessata fil-prodott lest meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 18.

3. Il-prodotti importati fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0144 u 09.0145 u l-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0161, 09.0162, 09.0163 u 09.0164 għandhom jitqiegħdu taħt il-proċedura tal-użu aħħari f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

4. Sabiex tiġi vverifikata l-kwalità tal-prodott lest u tiġi stabbilita l-konformità tiegħu mal-formula tal-proċessur għall-kompożizzjoni tal-prodott, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi u janalizzaw dawn il-prodotti.

5. L-awtorità kompetenti għandha tirċievi prova li l-kwantità kollha tal-laħam importat ġiet ipproċessata fi żmien tliet (3) xhur mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-prodotti lesti meħtieġa, u fl-istabbiliment speċifikat. Meta l-ipproċessar ikun seħħ wara l-limitu ta' żmien ta' tliet xhur, il-garanzija rilaxxata għandha titnaqqas bi 15 %, flimkien ma' 2 % tal-ammont li jifdal għal kull jum li bih inqabeż il-limitu ta' żmien.

6. Il-prova tal-ipproċessar għandha tingħata fi żmien seba' (7) xhur mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Jekk il-prova tal-ipproċessar tiġi stabbilita fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' seba xhur u prodotta fi żmien 18-il xahar wara l-limitu ta' żmien, l-ammont sekwestrat, imnaqqas bi 15 % tal-ammont tal-garanzija, għandu jitħallas lura.

7. L-ammont tal-garanzija li għandha tiġi ddepożitata mill-operaturi biex jiżguraw li l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2 ġie ssodisfat huwa stabbilit fl-Anness I.

([41]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2429/86 tal-31 ta' Lulju 1986 dwar il-proċedura biex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' laħam fil-preparazzjonijiet u priżervi ta' laħam li jaqgħu taħt is-subtitoli ex 16.02 B III b) 1) tan-nomenklatura misjuba fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2184/86 (ĠU L 210, 1.8.1986, p. 39).

Artikolu 20

Kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0142, 09.0143 u 09.0146

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0142 u 09.0143, "taħrika tal-falda rqiqa ffriżata" għandha tfisser taħrika tal-falda rqiqa li hija ffriżata, b'temperatura interna ta' – 12 °C jew anqas meta tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

2. Taħrika tal-falda rqiqa shiha biss tista' tiġi importata fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0142 u 09.0143.

3. Taħrika tal-falda rqiqa importata fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0143 tista' tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera biss meta tkun akkumpanjata minn ċertifikat tal-awtentiċità maħruġ mill-Arġentina kif stabbilit fil-Parti F tal-Anness II.

4. Ċertifikat tal-awtentiċità jista' jintuża biss għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

5. Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandhom jimtlew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew tal-Arġentina, u għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtoritajiet emittenti.

6. Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandhom ikunu validi biss jekk dawn ikunu mtlew kif xieraq u jkunu ġew approvati mill-awtorità emittenti. Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandhom jitqiesu li ġew approvati kif xieraq jekk jiddikjaraw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità emittenti u l-firma tal-persuna jew tal-persuni awtorizzati li jiffirmawhom.

7. L-awtorità emittenti msemmija fil-paragrafu 6 għandha:

(a) tkun irrikonoxxuta bħala tali mill-Arġentina;

(b) timpenja ruħha li tikkontrolla l-partikolaritajiet fuq iċ-ċertifikati tal-awtentiċità;

(c) timpenja ruħha li tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba, bi kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-evalwazzjoni tal-partikolaritajiet fuq iċ-ċertifikati tal-awtentiċità.

8. L-isem tal-awtorità kompetenti tal-Arġentina għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandu jiġi ppubblikat fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

9. Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandhom ikunu validi għal tliet (3) xhur mid-dati tal-ħruġ tagħhom u fi kwalunkwe każ mhux aktar mill-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

10. Ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-prodotti importati fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0146 għandhom ikunu dawk previsti fl-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli ([42]) konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE, Euratom ([43]).

Artikolu 21

Kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0113

1. Id-dazju fil-kwota għandu japplika bil-kundizzjoni li l-annimali jissemmnu għal tal-anqas 120 jum fl-Istat Membru li fih ġew importati, f'unitajiet tal-produzzjoni li għandhom jiġu indikati mill-importatur fix-xahar ta' wara r-rilaxx tal-annimali għaċ-ċirkolazzjoni libera.

2. F'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-annimali importati għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura tal-użu aħħari biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżit tat-tismin imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-ammont tal-garanzija li għandha tiġi ddepożitata mill-operaturi biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżit tat-tismin imsemmi fil-paragrafu 1 huwa stabbilit fl-Anness I.

([42]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

([43]) Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni dwar il-Ftehim dwar Kooperazjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

4. Minbarra f'każijiet ta' *force majeure*, il-garanzija msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi rilaxxata jekk tingħata prova lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-annimali bovini żgħar:

(a) issemmnu fl-azjenda agrikola jew fl-azjendi agrikoli indikati f'konformità mal-paragrafu 1;

(b) ma nqatlux qabel ma jkun għadda perjodu ta' 120 jum mid-data tal-importazzjoni; jew

(c) inqatlu għal raġunijiet ta' saħħa jew mietu minħabba mard jew inċident qabel ma jkun għadda l-perjodu msemmi fil-punt (b).

Artikolu 22

Kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0114 u 09.0115

1. Għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0114 u 09.0115, l-annimali għandhom ikunu "għajr għall-qtil", meta ma jinqatlux fi żmien erba' xhur mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Jistgħu jingħataw derogi f'każijiet li għalihom tkun ingħatat prova xierqa ta' *force majeure*.

2. Biex jikkwalifikaw għall-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni taħt in-numru tal-ordni 09.0115, għandhom jitressqu d-dokumenti li ġejjin:

(a) għall-barrin: ċertifikat tar-razza pura;

(b) għall-baqar u l-erieħ: ċertifikat tar-razza pura jew ċertifikat tar-reġistrazzjoni fi ktieb tal-merħla li jiċċertifika l-purità tar-razza.

3. F'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-annimali importati fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0114 u 09.0115 għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura tal-użu aħħari biex jiġi żgurat li dawn ma jinqatlux fi żmien erba' xhur mir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera.

4. L-ammont tal-garanzija li għandha tiġi ddepożitata mill-operaturi biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżit li dawn ma jinqatlux imsemmi fil-paragrafu 3 huwa stabbilit fl-Anness I.

5. Il-garanzija prevista fil-paragrafu 4 għandha tiġi rilaxxata immedjatament meta titressaq prova quddiem l-awtoritajiet doganali kkonċernati li l-annimali:

(a) ma nqatlux fi żmien erba' xhur wara d-data tar-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera; jew

(b) inqatlu f'dan il-perjodu għal raġunijiet ta' *force majeure* jew għal raġunijiet ta' saħħa jew mietu minħabba mard jew minħabba inċident.

Artikolu 23

Ġestjoni tal-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 u tal-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203

1. Il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 għandha tiġi ġestita bħala kwota tariffarja prinċipali b'erba' kwoti subtariffarji ta' kull tliet xhur taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203.

2. Il-benefiċċju mill-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 jista' jingħata biss permezz tal-applikazzjoni għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203.

Artikolu 24

Definizzjonijiet u rekwiżiti għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 u għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203

1. Għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2201, 09.2202 u 09.2203, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "laħam iffriżat" ifisser laħam b'temperatura interna ta' – 12 °C jew anqas meta jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;

(b) "erieħ u għoġġiela" jfissru "annimali bovini", kif iddefinit fil-Parti V tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li jikkorrispondu, rispettivament, għall-kategoriji E u C, kif iddefinit fil-Parti A.II tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Iċ-ċanga friska, mkessħa jew iffriżata ta' kwalità għolja għandha tkun eliġibbli għall-importazzjoni fi ħdan il-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2201, 09.2202 u 09.2203 jekk din tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-qatgħat taċ-ċanga miksuba mill-karkassi ta' erieħ u għoġġiela b'età ta' anqas minn 30 xahar li, tal-anqas matul l-aħħar 100 jum qabel il-qatla, ingħalfu b'dieta li tinkludi mhux anqas minn 62 % ta' konċentrati u/jew koprodotti tal-għalf tal-ħbub, abbażi ta' materja niexfa, li jilħqu jew jaqbżu kontenut tal-enerġija metabolizzabbli ta' aktar minn 12,26 mega joules għal kull kilogramma ta' materja niexfa;

(b) l-erieħ u l-għoġġiela li jingħalfu d-dieta deskritta fil-punt (a) jingħalfu, bħala medja, mhux anqas minn 1,4 % tal-piż ħaj tal-ġisem kuljum abbażi ta' materja niexfa;

(c) il-karkassi li minnhom ġejjin l-qatgħat taċ-ċanga jiġu evalwati minn evalwatur impjegat mill-gvern nazzjonali, li jibbaża l-evalwazzjoni, u l-klassifikazzjoni tal-karkassi li tirriżulta, fuq metodu approvat mill-gvern nazzjonali. Il-metodu tal-evalwazzjoni tal-gvern nazzjonali, u l-klassifikazzjonijiet tiegħu, għandhom jevalwaw il-kwalità mistennija tal-karkassi bl-użu ta' kombinazzjoni ta' karatteristiċi rigward il-maturità tal-karkassi u rigward kemm il-qatgħat taċ-ċanga jkunu xierqa għall-palat. Dan il-metodu tal-evalwazzjoni tal-karkassi għandu jinkludi, iżda ma għandux ikun limitat għal, evalwazzjoni tal-karatteristiċi ta' maturità tal-lewn u s-sawra tal-muskolu *longissimus dorsi* u tal-ossifikazzjoni tal-għadam u l-qrieqeċ, kif ukoll evalwazzjoni ta' kemm il-laħam huwa mistenni li jkun xieraq għall-palat, inkluża kombinazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet diskreti tax-xaħam ta' bejn il-muskoli u tas-sodezza tal-muskolu *longissimus dorsi*;

(d) il-qatgħat jiġu ttikkettati f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]).

L-indikazzjoni "Ċanga ta' Kwalità Għolja" tista' tiżdied mal-informazzjoni fuq it-tikketta msemmija fil-punt (d).

Artikolu 25

Ċertifikati tal-awtentiċità għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 u għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203

1. Sabiex wieħed jibbenefika mill-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201, għandu jitressaq ċertifikat tal-awtentiċità maħruġ fil-pajjiż terz ikkonċernat quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni.

2. Iċ-ċertifikat tal-awtentiċità għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Parti G tal-Anness II.

([44]) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem tal-fart u li għandha x'taqsam mat-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u ta' prodotti mill-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

3. Fuq in-naħa ta' wara taċ-ċertifikat tal-awtentiċità, għandu jiġi ddikjarat li l-laħam li joriġina mill-pajjiż esportatur jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

4. Ċertifikat tal-awtentiċità għandu jkun validu biss jekk dan ikun imtela kif xieraq u jkun ġie approvat mill-awtorità emittenti.

5. Ċertifikat tal-awtentiċità għandu jitqies li ġie approvat kif xieraq jekk jiddikjara d-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollu t-timbru tal-awtorità emittenti.

6. It-timbru jista' jiġi sostitwit b'siġill stampat fuq iċ-ċertifikat tal-awtentiċità oriġinali u fuq kwalunkwe kopja tiegħu.

7. Iċ-ċertifikat tal-awtentiċità huwa validu għal tliet (3) xhur mid-data tal-ħruġ tiegħu.

Artikolu 26

Awtoritajiet emittenti f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-importazzjonijiet fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 u l-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203

1. L-awtorità emittenti msemmija fl-Artikolu 25 għandha:

(a) tkun rikonoxxuta bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

(b) timpenja ruħha li tivverifika l-entrati fiċ-ċertifikati tal-awtentiċità.

2. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi innotifikata lill-Kummissjoni:

(a) l-isem u l-indirizz, inklużi, jekk ikun possibbli, l-indirizz tal-posta elettronika u tal-Internet, tal-awtorità jew l-awtoritajiet rikonoxxuti li joħorġu ċ-ċertifikati tal-awtentiċità msemmija fl-Artikolu 25;

(b) il-kampjuni tat-timbri użati mill-awtorità jew l-awtoritajiet emittenti;

(c) il-proċeduri u l-kriterji segwiti mill-awtorità jew l-awtoritajiet emittenti biex jiġi stabbilit jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

Artikolu 27

Pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-awtoritajiet emittenti f'pajjiżi terzi għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.2201 u l-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.2202 u 09.2203

Meta r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26 jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-isem tal-awtorità jew l-awtoritajiet emittenti kkonċernati fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

SEZZJONI 6

ĦALIB U PRODOTTI TAL-ĦALIB

Artikolu 28

Definizzjonijiet u rekwiżiti għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0151

1. Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0151, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' "ġobon għall-ipproċessar", "ġobon ipproċessat" għandu jfisser prodott li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0406 30.

2. Il-prodotti importati fi ħdan il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0151 għandu jitqiegħed taħt il-proċedura tal-użu aħħari f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 29

Kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0153 u kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0159 u 09.0160

1. Il-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0153 għandha tiġi ġestita bħala kwota tariffarja prinċipali b'żewġ kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0159 u 09.0160.

2. Il-kwota subtariffarja 09.0159 għandha tintuża biex tapplika għall-kodiċi NM 0405 10; il-kwota subtariffarja 09.0160 għandha tintuża biex tapplika għall-kodiċi NM 0405 90.

3. Il-benefiċċju mill-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0153 jista' jingħata biss permezz tal-applikazzjoni għall-kwoti subtariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0159 u 09.0160.

SEZZJONI 7

LAĦAM TAL-MAJJAL

Artikolu 30

Definizzjonijiet għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0118

Għall-kwota tariffarja taħt in-numru tal-ordni 09.0118, il-flett tal-vagant, frisk, imkessaħ jew iffriżat li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 0203 19 55 u ex 0203 29 55 għandu jinkludi qatgħat li jinkludu l-laħam tal-muskoli *musculus major psoas u musculus minor psoas*, bir-ras jew mingħajrha, mirquma jew le.

SEZZJONI 8

LAĦAM TAN-NAGĦAĠ U LAĦAM TAL-MOGĦOŻ

Artikolu 31

Kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż

1. Għall-kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, "gidi" għandu jfisser mogħża li ma għandhiex aktar minn sena.

2. Għall-fini tal-kalkolu tal-kwantitajiet ta' "ekwivalenti tal-piż tal-karkassa", il-piż nett għandu jiġi mmultiplikat bil-koeffiċjenti li ġejjin:

(a) għall-ħaruf mingħajr għadam u l-laħam tal-gidi mingħajr għadam: 1,67;

(b) għall-muntun mingħajr għadam, in-nagħaġ mingħajr għadam u l-laħam tal-mogħoż mingħajr għadam għajr dak tal-gidi u ta' taħlitiet ta' kwalunkwe wieħed minn dawn: 1,81;

(c) għall-prodotti bl-għadam: 1,00;

(d) għall-annimali ħajjin: 0,47.

3. Fil-każ ta' kwota tariffarja li tkun parti minn ftehim tariffarju preferenzjali, il-prova tal-oriġini għandha tkun tal-istess tip bħall-prova tal-oriġini stabbilita f'dan il-ftehim.

4. Meta l-kwoti tariffarji li joriġinaw fl-istess pajjiż terz u li jirriżultaw kemm minn ftehim tariffarju preferenzjali kif ukoll minn ftehim mhux preferenzjali jiġu amalgamati, il-prova tal-oriġini stabbilita fil-ftehim rilevanti għandha titressaq quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien mad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati.

5. Fil-każ ta' kwoti tariffarji oħra minbarra dawk li jirriżultaw minn ftehimiet tariffarji preferenzjali, id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati għandha tiġi ppreżentata quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien ma' dokument maħruġ mill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fil-pajjiż terz ta' oriġini. Dan id-dokument għandu jinkludi:

(a) isem il-konsenjatur;

(b) it-tip ta' prodott u l-kodiċi NM tiegħu;

(c) l-għadd ta' pakketti, in-natura tagħhom u l-marki u n-numri li jkollhom;

(d) in-numru jew in-numri tal-ordni tal-kwota/i tariffarja/i kkonċernata/i;

(e) il-piż nett totali maqsum għal kull kategorija ta' koeffiċjent kif previst fl-Anness I.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-perjodi tal-kwoti tariffarji mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Irrispettivament mir-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet NM. Meta jiġu indikati l-kodiċijiet NM "ex", l-applikazzjoni tal-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kodiċi NM, tal-kodiċijiet TARIC (jekk ikun hemm) u tad-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Kwoti tariffarji fis-settur taċ-ċereali

Numru tal-ordni	**09.6703**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([1]), konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ([2]) (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Ħafur: 1004
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	4 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0138**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada f'konformità mal-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 għall-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet rigward ċereali li tipprovdi għalihom l-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 ([3]), konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/253/KE ([4])

([1]) ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 1).

([3]) ĠU L 95, 11.4.2003, p. 38.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada f'konformità mal-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 għall-modifika tal-konċessjonijiet fir-rigward taċ-ċereali msemmija fl-Iskeda KE CXL anness mal-GATT 1994 (ĠU L 95, 11.4.2003, p. 36).

	Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet rigward ċereali li tipprovdi għalihom l-Iskeda CXL mal-GATT 1994 ([5]), konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/254/KE ([6])
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Xgħir: 1003 10 00 1003 90 00
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	306 812 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	EUR 16 kull 1 000 kg
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6707**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Xgħir u barli miṫun oħxon u pasti tal-barli: ex 1103 19 20 (ara l-kodiċijiet TARIC) Xgħir u barli miṫun oħxon u pasti taċ-ċereali (għajr il-qamħ, is-segala, il-ħafur, il-qamħirrum, ir-ross u l-barli): 1103 19 90 Gerbub taċ-ċereali (għajr il-qamħ, is-segala, il-ħafur, il-qamħirrum, ir-ross u l-barli): 1103 20 90 Ħbub tal-qamħ imremblin jew imqattgħin irqaq: 1104 19 10 Ħbub tal-qamħirrum imremblin jew imqattgħin irqaq: 1104 19 50

([5]) ĠU L 95, 11.4.2003, p. 41.
([6]) 2003/254/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fir-rigward taċ-ċereali msemmija fl-Iskeda KE CXL anness mal-GATT 1994 (ĠU L 95, 11.4.2003, p. 40).

	Ħbub tal-barli mremblin: 1104 19 61 Ħbub tal-barli mqattgħin irqaq: 1104 19 69 Ħbub maħdumin (pereżempju mqaxxrin, perlati, imfettin jew miṫunin fi frak oħxon), għajr dawk tal-ħafur, tas-segala u tal-qamħirrum: 1104 29 04 1104 29 05 1104 29 08 ex 1104 29 17 (ara l-kodiċijiet TARIC) ex 1104 29 30 (ara l-kodiċijiet TARIC) 1104 29 51 1104 29 59 1104 29 81 1104 29 89 Nebbieta taċ-ċereali, sħiħa, irrumblata, mqatta' rqiq jew miṫuna: 1104 30
Kodiċijiet TARIC	1103 19 20 10 1104 29 17 90 1104 29 30 90
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7 800 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6708**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Malt, kemm jekk inkaljat jew le: 1107 Glutina tal-qamħ, kemm jekk imnixxfa jew le: 1109

Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6709**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Lamtu tal-qamħ: 1108 11 Lamtu tal-qamħirrum: 1108 12 Lamtu tal-patata: 1108 13
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	10 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6711**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Nuħħala, sharps u residwi oħra, kemm jekk fil-forma ta' gerbub jew le, ġejjin mill-għarbil, mit-tħin jew mill-ħdim ieħor taċ-ċereali (għajr dawk tar-ross): 2302 10 2302 30 2302 40 10 2302 40 90 Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun (ħlief il-likuri kkonċentrati mit-tgħaddis), ta' kontenut ta' proteina, ikkalkulat fuq il-prodott niexef, ta' aktar minn 40 % skont il-piż: 2303 10 11
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	22 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6719**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Fruttożju kimikament pur: 1702 50 Maltożju kimikament pur: 1702 90 10 Ħelu taz-zokkor ieħor, li ma fihx kawkaw, li fih 70 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju: ex 1704 90 99 (ara l-kodiċijiet TARIC)

	Trab tal-kawkaw, li fih 65 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju jew ta' iżoglukożju espress bħala sukrożju: 1806 10 30 1806 10 90 Preparazzjonijiet oħra fi blokki, ċangaturi jew biċċiet li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulari jew f'xi forma oħra bl-ingrossa ġo kontenituri jew pakketti diretti, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg, li fihom anqas minn 18 % skont il-piż ta' butir tal-kawkaw u 70 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju: ex 1806 20 95 (ara l-kodiċijiet TARIC) Preparazzjonijiet oħra tal-ikel tad-dqiq, tax-xgħir, tal-pasti, tal-lamtu jew tal-estratt tal-malt, li ma fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 40 % ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li fihom 70 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju: ex 1901 90 99 (ara l-kodiċijiet TARIC) Preparazzjonijiet b'bażi ta' kafè, tè jew matè: 2101 12 98 2101 20 98 Taħlit ta' sustanzi bir-riħa u taħlit b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użat fl-industriji tax-xorb, li fihom l-aġenti tat-togħma kollha li jikkaratterizzaw xarba, ta'qawwa alkoħolika proprja skont il-volum ta' mhux aktar minn 0,5 %: 3302 10 29
Kodiċijiet TARIC	1704 90 99 91 1704 90 99 99 1806 20 95 92 1806 20 95 99 1901 90 99 36
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	3 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0090**
Bażi ġuridika speċifika	Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 ([7]), konklużż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE ([8])
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Glutina tal-qamħirrum: ex 2303 10 11 (ara l-kodiċijiet TARIC)
Kodiċijiet TARIC	2303 10 11 10
Oriġini	L-Istati Uniti tal-Amerka
Kwantità	10 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
Dazju doganali fil-kwota	16 % *ad valorem*
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0124**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 ([9])
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Patata ħelwa għajr dik intiża għal konsum uman: 0714 20 90 Kif definit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	Iċ-Ċina
Kwantità	252 641 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli

([7]) ĠU L 124, 11.5.2006, p. 15.
([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13).
([9]) ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.

Prova tal-oriġini	Ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0125**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar il-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT ([10]), konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE ([11])
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Lamtu tal-manjoka: 1108 14 00
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	It-Tajlandja
Kwantità	10 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
Dazju doganali fil-kwota	Dazju ugwali għad-dazju tan-nazzjon l-iktar iffavorit (id-dazju MFN) fis-seħħ, imnaqqas b'EUR 100 għal kull 1 000 kg
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0127**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6

([10]) ĠU L 122, 22.5.1996, p. 16.
([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 1996 dwar il-konklużjoni tar-riżultati ta' konsultazzjonijiet mat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT (ĠU L 122, 22.5.1996, p. 15).

Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Manjoka, jams (Dioscorea spp.), għorgħaż (Colocasia spp.), yautia (Xanthosoma spp), arararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu: ex 0714 10 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) kif iddefinit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament 0714 30 00 0714 40 00 0714 50 00 0714 90 20
Kodiċijiet TARIC	0714 10 00 10 0714 10 00 99
Oriġini	Iċ-Ċina
Kwantità	275 805 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
Dazju doganali fil-kwota	6 % *ad valorem*
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0128**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Manjoka, jams (Dioscorea spp.), għorgħaż (Colocasia spp.), yautia (Xanthosoma spp), arararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu: ex 0714 10 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) kif iddefinit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament 0714 30 00 0714 40 00 0714 50 00 0714 90 20
Kodiċijiet TARIC	0714 10 00 10 0714 10 00 99
Oriġini	Il-pajjiżi terzi li huma membri tad-WTO (minbarra ċ-Ċina, it-Tajlandja u l-Indoneżja)
Kwantità	124 552 000 kg piż nett

Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	6 % *ad valorem*
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0129**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Manjoka, jams (Dioscorea spp.), għorgħaż (Colocasia spp.), yautia (Xanthosoma spp), arararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu: ex 0714 10 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) kif iddefinit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament 0714 30 00 0714 40 00 0714 50 00 0714 90 20
Kodiċijiet TARIC	0714 10 00 10 0714 10 00 99
Oriġini	Pajjiżi terzi li mhumiex membri tal-WTO
Kwantità	30 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	6 % *ad valorem*
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0130**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Manjoka, jams (Dioscorea spp.), għorgħaż (Colocasia spp.), yautia (Xanthosoma spp), arararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu: ex 0714 10 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) ex 0714 30 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) ex 0714 40 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) ex 0714 50 00 (ara l-kodiċijiet TARIC) ex 0714 90 20 (ara l-kodiċijiet TARIC) Kif iddefinit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament
Kodiċijiet TARIC	0714 10 00 10 0714 30 00 10 0714 40 00 10 0714 50 00 10 0714 90 20 10
Oriġini	Pajjiżi terzi li mhumiex membri tal-WTO
Kwantità	1 691 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	6 % *ad valorem*
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0131**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Patata ħelwa għajr dik intiża għal konsum uman: 0714 20 90 Kif iddefinit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha (għajr iċ-Ċina)

Kwantità	4 985 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0132**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Lamtu tal-manjoka: 1108 14 00
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	8 290 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	Dazju ugwali għad-dazju tan-nazzjon l-iktar iffavorit (id-dazju MFN) fis-seħħ, imnaqqas b'EUR 100 għal kull 1 000 kg
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0135**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Lamtu tal-manjoka: 1108 14 00
Kodiċijiet TARIC	-

Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	500 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	Dazju ugwali għad-dazju tan-nazzjon l-iktar iffavorit (id-dazju MFN) fis-seħħ, imnaqqas b'EUR 100 għal kull 1 000 kg
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.2903**
Bażi ġuridika speċifika	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) ([12])
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Preparazzjoni magħmula minn taħlita ta' nebbiet tal-malt u ta' tgħarbil tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment tinkludi żrieragħ oħra) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fiha skont il-piż 15,5 % jew aktar ta' proteina: ex 2309 90 31 (ara l-kodiċijiet TARIC) Preparazzjoni magħmula minn taħlita ta' nebbiet tal-malt u ta' tgħarbil tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment tinkludi żrieragħ oħra) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fiha skont il-piż 15,5 % jew aktar ta' proteina u mhux aktar minn 23 % ta' lamtu: ex 2309 90 41 (ara l-kodiċijiet TARIC)
Kodiċijiet TARIC	2309 90 31 11 2309 90 31 14 2309 90 41 41 2309 90 41 49
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	100 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli

([12]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.2905**
Bażi ġuridika speċifika	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) ([13])
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Preparazzjoni magħmula minn taħlita ta' nebbiet tal-malt u ta' tgħarbil tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment tinkludi żrieragħ oħra) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fiha skont il-piż 12,5 % jew aktar ta' proteina: ex 2309 90 31 (ara l-kodiċijiet TARIC) Preparazzjoni magħmula minn taħlita ta' nebbiet tal-malt u ta' tgħarbil tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment tinkludi żrieragħ oħra) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fiha skont il-piż 12,5 % jew aktar ta' proteina u mhux aktar minn 28 % ta' lamtu: ex 2309 90 41 (ara l-kodiċijiet TARIC)
Kodiċijiet TARIC	2309 90 31 11 2309 90 31 14 2309 90 31 17 2309 90 31 19 2309 90 41 41 2309 90 41 49 2309 90 41 51 2309 90 41 59
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	20 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

([13]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

Numru tal-ordni	**09.0071**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Millieġ: 1008 21 00 1008 29 00
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	888 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	Mhux applikabbli
Dazju doganali fil-kwota	EUR 7 kull 1 000 kg
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.0072**
Bażi ġuridika speċifika	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Nuħħala, sharps u residwi oħra ta' qamħ u ċereali għajr il-qamħirrum u r-ross: 2302 30 10 2302 30 90 2302 40 10 2302 40 90
Kodiċijiet TARIC	—
Oriġini	Il-pajjiżi terzi kollha
Kwantità	458 068 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	L-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
